DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/415

tal-14 ta' Marzu 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1237 ([2]), u b'hekk ġedded il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK għal sitt xhur oħra.

(3) Fid-dawl tal-imminar jew it-theddid kontinwu tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi mġedda għal sitt xhur oħra.

(4) Il-Kunsill irreveda d-dežinjazzjonijiet individwali li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK u ddeċieda li jemenda l-informazzjoni dwar ċerti individwi u entitajiet.

(5) L-entrata għal persuna waħda mejta jenħtieġ li titħassar mil-lista ta' persuni u entitajiet dežinjati.

(6) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2019.".

Artikolu 2

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1237 tat-12 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 231, 14.9.2018, p. 27).

ANNESS

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata li tikkonċerna lill-persuna li ġejja hija mħassra:

96. Alexander Vladimirovich ZAKHARCHENKO

(2) l-entrati li jikkonċernaw lill-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"19.	Aleksandr Viktorovich VITKO (Александр Викторович ВИТКО)	Data tat-twelid: 13.9.1961 Post tat-Twelid: Vitebsk (SSR tal-Belarussja)	*Ex* Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Ammirall. Viċi Kap Kmandant tal-Forza Navali Russa. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovran tal-Ukrajna.	17.3.2014
22.	Dmitry Olegovich ROGOZIN (Дмитрий Олегович РОГОЗИН)	Data tat-twelid: 21.12.1963 Post tat-Twelid: Moska	*Ex* Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. Mill-2018 jokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali f'korporazzjoni tal-Istat.	21.3.2014
31.	Valery Kirillovich MEDVEDEV (Валерий Кириллович МЕДВЕДЕВ) Valeriy Kyrylovych MEDVEDIEV (Валерій Кирилович МЕДВЕДЄВ)	Data tat-twelid: 21.8.1946 Post tat-Twelid: Shmakovka, reġjun ta' Primorsky	*Ex* President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol (sas-26 ta' Mejju 2017). Responsabbli għall-amministrazzjoni tar-referendum tal-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar-referendum. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	21.3.2014
35.	Oleg Yevgenyvich BELAVENTSEV (Олег Евгеньевич БЕЛАВЕНЦЕВ)	Data tat-twelid: 15.9.1949 Post tat-Twelid: Moska	*Ex* Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-hekk imsejjaħ 'Distrett Federali tal-Krimea', responsabbli mill-implimentazzjoni tal-prerogattivi kostituzzjonali tal-Kap tal-Istat Russu fit-territorju tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea li ġiet annessa. *Ex* membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu. *Ex* Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana (sa Ġunju 2018). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	29.4.2014
36.	Oleg Genrikhovich SAVELYEV (Олег Генрихович САВЕЛЬЕВ)	Data tat-twelid: 27.10.1965 Post tat-Twelid: Leningrad	*Ex* Ministru għall-Affarijiet Krimeani. Responsabbli mill-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. *Ex* Viċi Kap tal-Persunal tal-Gvern Russu, responsabbli mill-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Governattiva dwar l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Krimea'. Kap tal-Persunal tal-Kamra tal-Awditjar tal-Federazzjoni Russa.	29.4.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
46.	Denys Volodymyrovych PUSHYLIN (Денис Володимирович ПУШИЛІН) Denis Vladimirovich PUSHILIN (Денис Владимирович ПУШИЛИН)	Data tat-twelid: 9.5.1981 jew 9.5.1982 Post tat-Twelid: Makiivka (Donetsk oblast)	Wieħed mill-mexxejja tar-'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Ħa sehem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjonali f'Donetsk fl-2014. Sal-4 ta' Settembru 2015 kien l-hekk imsejjaħ Viċi President tal-'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Mill-4 ta' Settembru 2015 kien 'President' tal-'Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Jaġixxi bħala 'l-hekk imsejjaħ Kap tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk' wara s-7 ta' Settembru 2018. L-hekk imsejjaħ 'Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' wara l-hekk imsejħa elezzjonijiet tat-11 ta' Novembru 2018	29.4.2014
55.	Igor Nikolaevich BEZLER (magħruf ukoll bħala Bes (devil)) (Игорь Николаевич БЕЗЛЕР) Ihor Mykolayovych BEZLER (Ігор Миколайович БЕЗЛЕР)	Data tat-twelid: 30.12.1965 Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea	Wieħed mill-*ex* mexxejja tal-milizzja awtoproklamata ta' Horlivka. Ħa l-kontroll tal-bini tal-Uffiċċju tal-Ukrajna għas-Servizz tas-Sigurtà fir-reġjun ta' Donetsk u wara ħataf l-istazzjon distrettwali tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni fil-belt ta' Horlivka. Għandu rabtiet ma' Igor Strelkov/Girkin li taħt il-kmand tiegħu kien involut fil-qtil ta' Volodymyr Rybak, id-Deputat Popolari tal-Kunsill Muniċipali ta' Horlivka. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.5.2014
83.	Ekaterina Yurievna GUBAREVA (Екатерина Юрьевна ГУБАРЕВА), Kateryna Yuriyivna GUBARIEVA (HUBARIEVA) (Катерина Юріївна ГУБАРЄВА)	Data tat-twelid: 5.7.1983 jew 10.3.1983 Post tat-Twelid: Kakhovka (Kherson oblast)	Fil-kapaċità tagħha tal-hekk imsejjaħ *ex* 'Ministru għall-Affarijiet Barranin' hija kienet responsabbli għad-difiża tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk', u għaldaqstant dgħajfet l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità għalhekk hija appoġġat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki separatisti. Membru tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu' tar-'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' (sa Novembru 2018).	25.7.2014
89.	Oksana TCHIGRINA, Oksana Aleksandrovna CHIGRINA (CHYHRYNA) (Оксана Александровна ЧИГРИНА)	Data tat-twelid: possibbilment 23.7.1981	*Ex* kelliema tal-hekk imsejjaħ 'gvern' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Lugansk' li għamlet dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw fost oħrajn it-twaqqigħ ta' ajruplan militari Ukren, it-teħid ta' ostaġġi, attivitajiet ta' ġlied mill-gruppi armati illegali, li bħala konsegwenza pperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna. *Ex* kelliema tas-Servizz tal-Istampa tal-LNR. Għadha attiva fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	30.7.2014
91.	Sergey Vadimovich ABISOV (Сергей Вадимович АБИСОВ) Sergiy (Serhiy) Vadymovych ABISOV (Сергій Вадимович АБІСОВ)	Data tat-twelid: 27.11.1967 Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea	Billi aċċetta l-ħatra tiegħu bħala l-hekk imsejjaħ 'Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Krimea' mill-President tar-Russja (digriet Nru 301) fil-5 ta' Mejju 2014 u bl-azzjonijiet tiegħu bħala l-hekk imsejjaħ 'Ministru għall-Intern' huwa dgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-unità tal-Ukrajna Imneħħi bħala l-hekk imsejjaħ 'Ministru għall-Intern tar-Repubblika tal-Krimea' f'Ġunju 2018.	30.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
97.	Vladimir Petrovich KONONOV (magħruf ukoll bħala 'Tsar') (Владимир Петровнч КОНОНОВ) Volodymyr Petrovych KONONOV (Володимир Петрович КОНОНОВ)	Data tat-twelid: 14.10.1974 Post tat-Twelid: Gorsky, Luhansk Oblast	Mill-14 ta' Awwissu 2014, ħa post Igor Strelkov/Girkin, bħala l-ħekk imsejjaħ 'Ministru għad-Difiża' tar-'Repubblika Popolari ta' Donetsk'. Hu maħsub li kkmanda diviżjoni ta' ġellieda separatisti f'Donetsk minn April 2014 'l hawn u wieġħed li jsolvi l-kompitu strateġiku li jwaqqaf l-aggressjoni militari tal-Ukrajna. Kononov b'ħekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Imneħħi bħala l-ħekk imsejjaħ 'Ministru għad-Difiża' f'Settembru 2018.	12.9.2014
102.	Andrei Nikolaevich RODKIN (Андрей Николаевич РОДКИН)	Data tat-twelid: 23.9.1976 Post tat-Twelid: Moska	*Ex* Rappreżentant f'Moska tal-ħekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Donetsk'. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, tkellem fost l-oħrajn dwar kif il-milizzji jinsabu lesti jmorru għal gwerra tal-gwerillieri u s-sekwestru tagħhom ta' sistemi ta' armi mill-forzi armati Ukreni. Huwa b'ħekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Wieħed mill-*ex* mexxejja tal-'Unjoni ta' Voluntiera ta' Donbas'. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.9.2014
103.	Aleksandr Akimovich KARAMAN (Александр Акимович КАРАМАН) Alexandru CARAMAN	Data tat-twelid: 26.7.1956 Post tat-twelid, Cioburciu, distrett ta' Slobozia, issa r-Repubblika tal-Moldova	L-ħekk imsejjaħ *ex* 'Viċi Prim Ministru għall-Kwistjonijiet Soċjali' tar-'Repubblika Popolari ta' Donetsk'. Assoċjat ma' Vladimir Antyufeyev, li kien responsabbli għall-attivitajiet 'governattivi' separatisti tal-ħekk imsejjaħ 'Gvern tar-Repubblika Popolari ta' Donetsk'. Huwa b'ħekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Protett tal-*ex* Viċi Prim Ministru tar-Russja Dmitry Rogozin. *Ex* Kap tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tar-'Repubblika Popolari ta' Donetsk'. Sa Marzu 2017, l-ħekk imsejjaħ 'Rappreżentant Plenipotenzjarju tal-President' tal-ħekk imsejħa 'Repubblika Pridnestrovjana tal-Moldova' għall-Federazzjoni Russa. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	12.9.2014
120.	Sergey Yurievich KOZYAKOV (Сергей Юрьевич КОЗЬЯКОВ) Serhiy Yuriyovych KOZYAKOV (Сергій Юрійович КОЗЬЯКОВ)	Data tat-twelid: 29.9.1982 jew 23.9.1982	Fil-kapaċità li kellu qabel bħala l-ħekk imsejjaħ 'Kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali ta' Luhansk' kien responsabbli mill-organizzazzjoni tal-ħekk imsejħa 'elezzjonijiet' tat-2 ta' Novembru 2014 fir-'Repubblika Popolari ta' Luhansk'. Dawn l-'elezzjonijiet' kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bejn Ottubru 2015 u Diċembru 2017 ħekk imsejjaħ 'Ministru għall-Ġustizzja' tar-'Repubblika Popolari ta' Luhansk'. Billi assuma u aġixxa f'dawn il-kapaċitajiet, u billi organizza l-'elezzjonijiet' illegali, huwa għaldaqstant b'mod attiv appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Ikompli jappoġġa u jilleġittimizza politiki separatisti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet separatisti.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
122.	Larisa Leonidovna AIRAPETYAN (magħrufa wkoll bħala Larysa AYRAPETYAN, Larisa AIRAPETYAN jew Larysa AIRAPETYAN) (Лариса Леонидовна АЙРАПЕТЯН) (Лариса Леонідівна АЙРАПЕТЯН)	Data tat-twelid: 21.2.1970	L-hekk imsejħa *ex* 'Ministru għas-Saħħa' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk'. Ħarġet bħala kandidat fl-hekk imsejħa 'elezzjonijiet', tat-2 ta' Novembru 2014 għall-kariga ta' 'Kap' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk'. Dawn l-'elezzjonijiet' huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Billi assumiet u aġixxiet f'din il-kapaċità, u billi pparteċipat formalment bħala kandidat fl-'elezzjonijiet' illegali, għaldaqstant hija appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	29.11.2014
129.	Yevgeniy Eduardovich MIKHAYLOV (magħruf ukoll bħala Yevhen Eduardovych MYCHAYLOV) (Евгений Эдуардович МИХАЙЛОВ) (Євген Едуардович МИХАЙЛОВ)	Data tat-twelid: 17.3.1963 Post tat-Twelid: Arkhangelsk	L-hekk imsejjaħ *ex* 'Ministru għall-Kunsill tal-Ministri' (kap tal-amministrazzjoni għall-affarijiet governattivi) tar-'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk'. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	29.11.2014
132.	Vladyslav Mykolayovych DEYNEGO (magħruf ukoll bħala Vladislav Nikolayevich DEYNEGO) (Владислав Миколайович ДЕЙНЕГО) (Владислав Николаевич ДЕЙНЕГО)	Data tat-twelid: 12.3.1964 Post tat-Twelid: Romny, Sumy oblast Ромны, Сумская область	*Ex* 'Viċi Kap' tal-'Kunsill tal-Poplu' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk'. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Bħalissa jaġixxi bħala l-hekk imsejjaħ 'Ministru għall-Affarijiet Barranin' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Lugansk'.	29.11.2014
138.	Alexandr Vasilievich SHUBIN (Александр Васильевич ШУБИН)	Data tat-twelid: 20.5.1972 jew 30.5.1972 Post tat-Twelid: Luhansk	L-hekk imsejjaħ *ex* 'Ministru għall-Ġustizzja', tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Luhansk' illegali. 'Viċi President' tal-'Kummissjoni Elettorali Ċentrali' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Luhansk'. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Imneħħi minn President tal-'Kummissjoni Elettorali Ċentrali' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Luhansk' f'Ġunju 2018.	16.2.2015

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
142.	Aleksandr Yurievich TIMOFEEV (Александр Юрьевич ТИМОФЕЕВ) Oleksandr Yuriyovych TYMOFEYEV (Олександр Юрійович ТИМОФЄЄВ)	Data tat-twelid: 15.5.1971 Post tat-Twelid: Nevinnomyssk, Stavropol Krai Невинномысск, Ставропольский край	L-hekk imsejjaħ *ex* 'Ministru għall-Finanzi u t-Taxxi' tar-'Repubblika Popolari ta' Donetsk'. Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa għaldaqstant appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li ddestabbilizzaw aktar lill-Ukrajna. Imneħħi bħala l-hekk imsejjaħ 'Ministru għall-Finanzi u t-Taxxi' f'Settembru 2018.	16.2.2015
149.	Andrei Valeryevich KARTAPOLOV (Андрей Валерьевич КАРТАПОЛОВ)	Data tat-twelid: 9.11.1963 Post tat-Twelid: GDR (DDR)	*Ex* Kmandant tad-Distrett Militari tal-Punent. Id-Direttur ta' qabel tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet Prinċipali u l-viċi kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Involut b'mod attiv fit-tiswir u l-implimentazzjoni tal-kampanja militari tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Skont l-attivitajiet iddikjarati tal-persunal ġenerali, fl-eżerċizzju tal-kontroll operazzjonali fuq il-forzi armati, huwa kien involut b'mod attiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Gvern Russu li thedded l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Viċi Ministru għad-Difiża minn Lulju 2018.	16.2.2015"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"4.	L-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Donetsk' 'Донецкая народная республика' 'Donétskaya naródnaya respúblika'	Informazzjoni uffiċjali: https://dnr-online.ru/ http://smdnr.ru/ https://dnrsovet.su/ https://denis-pushilin.ru/	L-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Donetsk' ġiet iddikjarata fis-7 ta' April 2014. Responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referendum illegali fil-11 ta' Mejju 2014. Dikjarazzjoni tal-indipendenza fit-12 ta' Mejju 2014. Fl-24 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin 'Repubbliki Popolari' ta' Donetsk u Lugansk iffirmaw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ 'Stat Federali ta' Novorossiya'. Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukrena, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Hija involuta wkoll fir-reklutaġġ tal- gruppi separatisti illegali armati, u għaldaqstant tipperikola l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	25.7.2014
5.	L-hekk imsejjaħ 'Stat Federali ta' Novorossiya' 'Федеративное государство Новороссия' 'Federativnoye Gosudarstvo Novorossiya'	Stqarrijiet uffiċjali għall-istampa: http://novopressa.ru/ http://novorossia-tv.ru/ http://novorossia.today/ http://novorossiia.ru/ https://www.novorosinform.org/	Fl-24 ta' Mejju 2014, l-hekk imsejħin 'Repubbliki Popolari' ta' Donetsk u Lugansk iffirmaw ftehim dwar il-ħolqien tal-hekk imsejjaħ 'Stat Federali ta' Novorossiya' li mhux rikonoxxut. Dan huwa bi ksur tal-liġi kostituzzjonali Ukrena, u, bħala konsegwenza, tad-dritt internazzjonali, u għaldaqstant jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
24.	Repubblika ta' Donetsk (Organizzazzjoni pubblika) Донецкая республика	Informazzjoni uffiċjali: http://oddr.info/	'Organizzazzjoni' pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa 'elezzjonijiet' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Donetsk' fit-2 ta' Novembru 2014 u l-11 ta' Novembru 2018. Dawn l-'elezzjonijiet' huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-'elezzjonijet' illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna. Imwaqqfa minn Andriy PURGIN u kienet immexxija minn Alexander ZAKHARCHENKO. Innominat fl-2018, Denis PUSHYLIN, ser ikun 'Kap' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Luhansk'.	29.11.2014
25.	Paċi għar-Reġjun ta' Luhansk (Mir Luganschine) Мир Луганщине	https://mir-lug.info/	'Organizzazzjoni' pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa 'elezzjonijiet' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Luhansk' fit-2 ta' Novembru 2014 u l-11 ta' Novembru 2018. Dawn l-'elezzjonijiet' huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-'elezzjonijet' illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna.	29.11.2014
26.	Free Donbass (magħrufa wkoll bħala 'Free Donbas', 'Svobodny Donbass') Свободный Донбасс	http://www.odsd.ru/	'Organizzazzjoni' pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa 'elezzjonijiet' tal-hekk imsejħa 'Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk' fit-2 ta' Novembru 2014 u l-11 ta' Novembru 2018. Dawn l-elezzjonijiet huma fi ksur tal-liġi tal-Ukrajna u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-'elezzjonijet' illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna.	29.11.2014
28.	L-Unjoni Ekonomika ta' Luhansk (Luganskiy Ekonomicheskiy Soyuz) Луганский экономический союз	Informazzjoni uffiċjali: https://nslnr.su/about/obshchestvennye-organizatsii/337/ https://vk.com/public97306393	'Organizzazzjoni soċjali' li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa 'elezzjonijiet' illegali tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Luhansk' fit-2 ta' Novembru 2014 u l-11 ta' Novembru 2018. Innominat kandidat, Oleg AKIMOV, ser ikun 'Kap' tal-hekk imsejħa 'Repubblika Popolari ta' Luhansk' fl-2014 u membru tal-hekk imsejjaħ 'Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika Popolari ta' Luhansk' fl-2018. Dawn l-'elezzjonijiet' huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-'elezzjonijet' illegali hija għalhekk appoġġat b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna.	29.11.2014"